

# *IL-KONFRATERNITA' TA' MARIJA TAS-SEBA' DULURI GEWWA SERRA SAN BRUNO (Komun fil-Galabria)*

Il-fratellanza giet imwaqqfa fis-sena 1694 minn Padre Antonio da Olivadi kif tixhed lapida li tinsab gewwa l-istess knisja.

Padre Antonio da Olivadi kien patri kappuccin maghruf seww gewwa l-Kalabrija ghall-qdusija tieghu, ghall-hegga fil-priedki tieghu u ghall-mod ta' kif kien ixerred id-devozzjoni lejn il-passjoni ta' Kristu u d-Duluri tal-Beata Vergni Marija. Mibghut mis-superjur tieghu Tommasso Bardari biex jaghmel serje ta' konferenzi lin-novizzi tal-monasteru ta' Serra, huwa kien mistieden biex jippridka fil-knisja ta' l-istess rahal billi raw fih entuzjazmu u karizma fil-priedki tieghu.

Fis-sena 1721 il-konfratelli tal-fratellanza tad-Duluri bdew jibnu knisja, li Don Onofrio Pisano iddedika lill-Vergni Addolorata. Il-haddiema kemm dawk manwali kif ukoll dawk li kienu jahdmu l-arti kollha kienu membri ta' l-istess fratellanza u kienu joffru x-xoghol taghhom *gratis* wara l-hdima taghhom tal-gurnata.

Fit-3 ta' Settembru 1766 il-fratelli ta' l-Addolorata kitbu lil Ferdinandu IV ta' Borbon biex ikunu rikonoxxuti legalment u ufficjalment. Ferdinandu IV tahom l-approvazzjoni tieghu fl-1 ta' Dicembru ta' l-istess sena. Minn dak il-mument il-fratellanza hadet hajja gdida. Dahhlet il-kant ta' l-Uffizzju Divin fil-programmi taghha, partecipazzjoni fil-funzjonijiet sagri u ghajnuna finanzjarja lil dawk fil-bzonn u l-fqar.

Fis-sena 1824 il-fratelli ta' l-Addolorata biex jghollu l-qima lil Vergni tas-Seba' Duluri, u jizirghu fil-fond il-kult fost il-poplu tar-rahal, talbu lil Papa Ljun XII li l-festa ta' Marija Addolorata li kienet tkun celebrata fil-pajjiz fit-tielet Hadd ta' Settembru, tkun mghollija ghar-rit doppju ta' festa ta' sekonda klassi b'Ottavarju jigifieri tmint ijiem ta' preparazzjoni. L-ewwel talba kienet accettata, it-tieni talba (dik ta' l-ottavarju) giet michuda.

Fis-sena 1850 il-poplu ta' Serra, inkluz il-kleru u l-fratelli flimkien ma' l-isqof ta' Gerace, Mons Luigi M.Perrone, ipprezentaw fost it-talbiet taghhom, talba lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti biex jottienu rit ta' l-ewwel klassi flimkien ma' l-Ottava priveliggjata fit-tielet Hadd ta' Settembru, u jzidu fil-litanija tal-Madonna t-titolu ta' Regina tas-Seba Duluri, Prottettura taghna itlob ghalina. Il-Papa Piju IX laqa' it-talba taghhom u ddikjara lil Vergni Marija Addolorata patruna principali ta' Serra.

Kien wiehed mill-ghanijiet ewlenija tal-fratellanza li jiehdu hsieb bl-ispejjes b'kollox tal-funerali imma bit-twelid ta' l-ghaqda gdida fis-sena 1853, dan id-dover ghadda lill-Monte dei Morti.

Fis-sena 1912 Giuseppe M. Pisani talab biex issir revizzjoni tar-regolamenti tal-fratellanza biex dawn ikunu jrriflettu l-htigijiet ta' dak iz-zmien. Imma l-migja tal-gwerra waqqfet dan kollu, anzi gew sospizi hafna mill-attivita' tal-fratellanza billi l-

ahwa membri gew imsejha biex jaghtu sehemhom fuq il-front. Izda hekk kif il-gwerra ntemmet, is-snin ta' wara gabu qawmien religjuz.

Il-konfraternita tas-Seba'Duluri tablet li tkun rikonfermata u accettat l-istatut il-gdid mahrug fit-8 ta' Dicembru 1931 minn Mons Giovanni Fiorentini, isqof ta' Squillace. Dan l-istatut serva ta' gwida ghall-fratelli sal-25 ta' Jannar 1983 meta Mons Antonio Cantisani, arcisqof ta' Catanzaro u isqof ta' Squillace approva xi regoli godda bit-titlu: Ghal partecipazzjoni ta' konvinzjoni fil-hajja tal-fratelli membri.




# IC-CEREMONJA TA' IMSEHBIN GODDA.

Kull min hu nteressat jissieheb fil-fratellanza, jigi accettat wara li jiehu l-abitu ta' fratell f'ceremonja apposta.

Il-fratell novell jmur quddiem l-artal u s-sacerdot jibda' b'talba ta' introduzzjoni fejn fiha jitlob lil Alla ghan-nom tal-fratell il-gdid biex dan jintela' bl-Ispirtu Qaddis t'Alla halli jhalli l-vanita' tad-dinja u jimxi fuq il-kmandamenti tieghu

Wara jkun intonat il-Veni Creator.

Il-fratell imbaghad jitlob li jkun milqugh fil-fratellanza biex permezz tar-regoli taghha huwa jimxi lejn il-hajja eterna.

Hawn imbaghad tibda' il-Vestizzjoni. Is-sacerdot jlibbes tunika bajda lill-fratell u jwissih biex jhares lilu nnifsu kontra kull tfixkil ghal akkwist tal-virtu bis-sahha ta' l-intercessjoni tal-Beata Vergni Marija u l-merti qaddisa taghha.

Ikun imiss wara li jtih ic-cinglu iswed u jwiddbu biex dak ikun sinjal biex ihares il-kastita u l-qies (temperanza).

Ic-celebrant jipprezentalu mbaghad ghata ghar-ras bajda, maghrufa bhala l-*cappuccio* li huwa s-sinjal tas-seba' duluri ta' Marija Ssma.

Wara jpoggilu fuq spalltu l-ammittu ta' kulur iswed biex ifakkru li ghandu jaghmel penitenza biex ikun jista' jghix ghall-qalb ta' Alla u ta' Marija.

Fl-ahhar jaghtih xema' mixghula f'idejh bhala simbolu tad-dawl. Hekk ghandha tkun hajtu dawl ghalih u ghal ta' madwaru.

Wara li jintghata l-libsa kompleta, il-fratelli jinzel gharkubtejh u jghid din it-talba wahdu:

*"Santissima Vergni Addolorata, Omm Alla, jiena ghalkemm ma jixraqlix li nkun qaddejj tieghek, imqanqal mill-hniena tieghek u mix-xewqa li nservik, illum naghzel lilek bhala s-Sinjura tieghi, l-Avukata tieghi u l-Omm tieghi u firmament nwieghdek li nixtieq nimxi warajk u nservik ghalli gej u li naghmel dak kollu li hu possibbli biex nara lil haddiehor iservik ukoll.*

*Nitolbok ghalhekk O Omm tal-hniena, f' gieh id-Demm li xerred Ibnek anki ghalija, li tilqaghni man-numru ta' l-ahwa l-ohra devoti tieghek biex inservik ghal dejjem u li ngorrok dejjem fi hsibijieti, kliemi u l-opri tieghi. Ma jkun qatt li jiena noffendik. Aghtini l-ghajnuna tieghek u fakkar lil Ibnek fija meta tkun qorbot is-siegha ta' mewti Ammen.*

Is-sacerdot celebrant imbaghad jitlob l-ghajnuna t'Alla fuq il-fratell novell biex jirbah it-tfixkil kollu li jista' jiltaqa' mieghu matul hajtu u halli finalment jgorr il-palma tar-rebha u l-kuruna ta' l-eternita, li huma wirt ta' Kristu, il-Mulej taghna.

Il-fratelli imbaghad jintona t-TE DEUM. Wara jersaq lejn il-Prijur tal-Fratellanza u jbuslu idejh bhala sinjal ta' sottomissjoni u fedelta' lejn l-Konfraternita'.

Ikun imiss issa li l-Prijur iqum u jirrecita talba u jghid: *" F'isem il-membri kollha ta' l-arcikonfraternita' li jiena indenjament nirraprezenta, ismaghni O Omm Addolorata. Il-fidi li writna minghand missirijietna, l-imhabba u l-qima Lejk, O Omm ta' Kristu u Omm taghna tkebbes l-imhuh taghna, ahna li ninsabu migbura quddiemek.*

*Inti O Vergni Qaddisa itfa' il-harsa tieghek fuq Serra San Bruno u fuq l-abitanti kollha tar-rahal taghna, fuq il-fratelli msiehba ta' l-Addolorata, kull fejn jinsabu. Kun ghalihom dawl spiritwali li jitfa' il-grazzji nfiniti tieghek fuq dawk kollha li jharsu lejk b'tama kbira.*

*Dawwal l-imhuh ta' dawk li jmexxu lilna u f'idejk iqieghdu il-vokazzjoni taghhom.*

*Ghin u bierek O Omm Addolorata l-arcikonfraternita' tieghek li permezz tieghi jiena llum geddidt l-imhabba ta' ulied u d-devozzjoni dejjiema*

*Ammen*

Ikompli l-Uffizju u l-fratell il-gdid jibqa' fuq l-artal biex jghin il-quddiesa.